

## Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: PORR Épitési Kft.

Konvenut: Nemzeti Adó- és Vámhivatal Fellebbviteli Igazgatósága

## Domandi preliminari

- 1) Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/112/KE<sup>(1)</sup>, u b'mod iktar partikolari l-prinċipji ta' proporzjonalità, ta' newtralità fiskali u ta' effettività, għandhom jiġi interpretati fis-sens li dawn jipprekludu prassi li skontha l-awtorità fiskali ta' Stat Membru, fil-każi li ma tkun twettqet ebda frodi fiskali, tiċħad, fil-mument li fih tistabilixxi t-taxxa, id-dritt għal tnaqqis li jista' jiġi eżercit abbażi ta' fattura tal-VAT maħruġa konformement mas-sistema ta' tassazzjoni ordinarja, peress li tqis li għall-korrettezza, fir-rigward ta' din it-tranżazzjoni, kellha tinħareġ fattura skont is-sistema ta' tassazzjoni ta' inverżjoni tal-ħlas u qabel ma tħadd dan id-dritt għal tnaqqis hija ma tkunx eżaminat
  - jekk l-emittenti tal-fattura setax jirimborsa lid-destinatarju ta' din tal-aħħar, l-ammont tal-VAT imħallas indebitament, u
  - jekk l-emittenti tal-fattura setax legalment (skont id-dritt intern tal-Istat Membru) jirrettifikaha biex b'hekk jikseb mingħand l-awtorità fiskali l-irkupru tat-taxxa mhalla indebitament minnu stess?
- 2) Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/112/KE, u b'mod iktar partikolari l-prinċipji ta' proporzjonalità, ta' newtralità fiskali u ta' effettività, għandhom jiġi interpretati fis-sens li dawn jipprekludu prassi li skontha l-awtorità fiskali ta' Stat Membru tiċħad, fil-mument li fih tistabilixxi t-taxxa, id-dritt għal tnaqqis li jista' jiġi eżercit abbażi ta' fattura tal-VAT maħruġa konformement mas-sistema ta' tassazzjoni ordinarja, peress li tqis li, għall-korrettezza, fir-rigward ta' din it-tranżazzjoni, kellha tinħareġ fattura skont is-sistema ta' tassazzjoni ta' inverżjoni tal-ħlas u li skontha, fil-mument li fih tistabbilixxi t-taxxa, l-awtorità fiskali ma tkunx iddeċidiet li tirrimborsa lid-destinatarju tal-fattura, it-taxxa mhalla indebitament minkejja l-fatt li l-emittenti tal-fattura jkun ħallas l-ammont tal-VAT lill-awtorità tal-ġbir tat-taxxi?

<sup>(1)</sup> Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ta' 28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fil-11 ta' Diċembru 2017 – Telecom Italia SpA vs Ministero dello Sviluppo Economico, Infrastrutture e telecomunicazioni per l'Italia SpA (Infratel Italia SpA)**

**(Kawża C-697/17)**

**(2018/C 112/19)**

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

## Qorti tar-rinviju

Consiglio di Stato

## Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Telecom Italia SpA

Konvenuti: Ministero dello Sviluppo Economico, Infrastrutture e telecomunicazioni per l'Italia SpA (Infratel Italia SpA)

### Domanda preliminari

L-ewwel sentenza tal-Artikolu 28(2) tad-Direttiva 2014/24/UE<sup>(1)</sup> għandha tīgħi interpretata fis-sens li din teżżeġi identiċità totali kemm legali kif ukoll ekonomika bejn l-operaturi magħżula minn qabel u dawk li jippreżentaw l-offerti fil-kuntest tal-proċedura ristretta u, b'mod partikolari, din id-dispożizzjoni għandha tīgħi interpretata fis-sens li din tipprekludi ftehim konkluż bejn il-kumpanniji holding li jikkontrollaw żewġ operaturi magħżula minn qabel fxi mument bejn l-għażla minn qabel u l-preżentazzjoni tal-offerti meta: a) dan il-ftehim ikollu bħala l-għan u l-effett tiegħu (fost oħrajn) it-twettiq ta' amalgamazzjoni billi waħda minn dawn l-imprizja magħżula minn qabel tīgħi assorbita minn oħra bħalha (tranżazzjoni barra minn hekk awtorizzata mill-Kummissjoni); b) l-effetti tat-tranżazzjoni ta' amalgamazzjoni jkunu mmaterjalizzaw wara l-preżentazzjoni tal-offerta mill-imprizja li assorbiet lill-oħra (li hija r-raquni li għaliha, fil-mument tal-preżentazzjoni tal-offerta, il-kompożizzjoni tagħha baqgħet inoltrata meta mqabbla ma' dik eżistenti fil-mument tal-ġħażla minn qabel); c) l-imprizja sussegwentement assorbita (li l-kompożizzjoni tagħha baqgħet inoltrata fid-data tal-iskadenza tat-terminu għall-preżentazzjoni tal-offerti) fi kwalunkwe każ tkun irrinunċċat għall-parteċipazzjoni fil-proċedura ristretta, probabbilment sabiex teżegwixxi l-programm kuntrattwali previst fil-ftehim konkluż bejn il-kumpanniji holding?

<sup>(1)</sup> Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU 2014 L 94, p. 65).

---

### Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fl-14 ta' Diċembru 2017 – Unareti SpA vs Ministero dello Sviluppo Economico et

(Kawża C-702/17)

(2018/C 112/20)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

### Qorti tar-rinviju

Consiglio di Stato

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Unareti SpA

Konvenuti: Ministero dello Sviluppo Economico, Presidenza del Consiglio dei Ministri – Dipartimento per gli Affari Regionali, Autorità Garante per l'Energia Elettrica il Gas e il Sistema Idrico – Sede di Milano, Presidenza del Consiglio dei Ministri – Conferenza Stato Regioni ed Unificata, Ministero per gli affari regionali, Dipartimento per gli affari regionali e le autonomie, Conferenza Unificata Stato Regioni e Enti Locali

### Domanda preliminari

B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja qed tintalab tistabbilixxi jekk dawn il-prinċipji u ligiġiet jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali, kif deskritta hawn fuq, li tipprevedi l-applikazzjoni retroattiva tal-kriterji għad-determinazzjoni tal-ammont tar-rimborsi dovuti lill-ex konċessjonarji, b'effett fuq relazzjonijiet kuntrattwali preċedenti, jew jekk l-applikazzjoni ta' dawn il-kriterji hijiex iġġustifikata, anki fid-dawl tal-prinċipju ta' proporzjonalità, mill-ħtieġa li jiġu protetti l-interessi pubbliċi ta' importanza Ewropea, li jirrelataw mal-ħtieġa li titjeb il-protezzjoni tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq inkwistjoni u li tingħata protezzjoni ikbar lill-utenti tas-servizz, li jistgħu jbatu, indirettament, l-effetti ta' żieda eventwali tas-somom dovuti lill-ex konċessjonarji?